IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 7.6.2018
COM(2018) 436 final

2018/0225 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2018) 291 final} - {SWD(2018) 307 final} - {SWD(2018) 308 final} - {SWD(2018) 309 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet

Il-proposta ta' "Orizzont Ewropa" hija kompletament konformi mal-proposta tal-Kummissjoni dwar il-baġit fit-tul li jmiss tal-Unjoni għall-perjodu 2021 sa 2027, kif ukoll mal-prijoritajiet tal-Kummissjoni, kif hemm stipulat fl-Aġenda tagħha għall-Impjiegi, it-Tkabbir, il-Ġustizzja u t-Tibdil Demokratiku u l-prijoritajiet ta' politika globali (l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli). Tappoġġa l-aġenda tal-Unjoni għal wara l-2020 kif maqbul fid-Dikjarazzjoni ta' Ruma tal-25 ta' Marzu 2017.

Il-proposta hija inkwadrata mill-premessa li r-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) jrendu r-riżultati għall-prijoritajiet taċ-ċittadini, jagħtu spinta lill-produttività u l-kompetittività tal-Unjoni, u huma kruċjali għaż-żamma tal-mudell u l-valuri soċjoekonomiċi tagħna, u b'hekk jippermettu soluzzjonijiet li jindirizzaw l-isfidi f'mod iktar sistemiku.

Skont l-Artikolu 182 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"), il-Programm Qafas għandu jiġi implimentat permezz ta' programmi speċifiċi li jistipulaw regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tiegħu, jiffissaw id-durata tiegħu u jipprovdu għall-mezzi meqjusa neċessarji. Il-programm Orizzont Ewropa se jiġi implimentat permezz ta' programm speċifiku stabbilit permezz ta' din id-Deċiżjoni u l-programm speċifiku fir-rigward tar-riċerka dwar id-difiża.

Il-programm speċifiku stabbilit permezz ta' din id-Deċiżjoni huwa bbażat kemm fuq l-Artikolu 182 TFUE kif ukoll, minħabba l-appoġġ b'saħħtu tiegħu għall-innovazzjoni, fuq l-Artikolu 173 TFUE.

Għal aktar dwar il-proposta kumplessiva għal Orizzont Ewropa, ara l-Memorandum ta' Spjegazzjoni tal-att sottostanti (proposta għal regolament li jistabbilixxi "Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni").

Din il-proposta tipprevedi data ta' applikazzjoni mill-1 ta' Jannar 2021 u hija ppreżentata għal Unjoni ta' 27 Stat Membru, b'konformità man-notifika mir-Renju Unit bl-intenzjoni tiegħu li jirtira mill-Unjoni Ewropea u Euratom abbażi tal-Artikolu 50 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea li waslet għand il-Kunsill Ewropew fid-29 ta' Marzu 2017. It-taqsima li ġejja tiddettalja l-punti speċifiċi f'din il-proposta.

2. ELEMENTI OĦRA

• Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta

Il-proposta għall-Programm Qafas (Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni intitolat "Orizzont Ewropa", inkluż l-istabbiliment tar-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni), tistabbilixxi l-għan ġenerali u speċifiku ta' Orizzont Ewropa, l-attivitajiet tal-istruttura u l-linji mifruxa li jridu jitwettqu, filwaqt li din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tiddefinixxi l-għanijiet operattivi u l-attivitajiet li huma speċifiċi għal partijiet ta' Orizzont Ewropa.

Dan l-att legali jistabbbilixxi l-implimentazzjoni speċifika u d-dispożizzjonijiet ta' programmar għall-programm qafas, speċjalment għal

- Missjonijiet (skont il-pilastru tal-Isfidi Globali u l-Kompetittività Industrijali);
- il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC);
- il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC);
- il-programmi ta' ħidma;
- il-proċedura ta' kumitat.

Ippjanar strateġiku

L-implimentazzjoni ta' Orizzont Ewropa se tkun xprunata minn proċess tal-**ippjanar strateġiku** inklussiv u trasparenti tal-attivitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni, li se jiffinanzja l-programm. Dan se jsegwi konsultazzjonijiet u skambji estensivi mal-Istati Membri, il-Parlament Ewropew kif xieraq, u ma' diversi partijiet ikkonċernati, inkluż l-organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili, dwar il-prijoritajiet (inkluż il-missjonijiet, skont il-pilastru tal-Isfidi Globali u l-Kompetittività Industrijali), u t-tipi adattati ta' azzjoni u forom ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari s-sħubiji Ewropej.

L-eżerċizzju tal-**ippjanar strateġiku** se jistabbilixxi strateġija pluriennali għall-iżvilupp ta' kontenut ta' **programm ta' ħidma** (kif stipulat fl-Artikolu 11), minkejja li se jibqa flessibbli biżżejjed biex iwieġeb malajr għal ħtiġijiet u kriżijiet mhux mistennija, kif ukoll il-prijoritajiet ta' politika stabbiliti fiċ-ċiklu tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni. It-tieni pilastru – Sfidi Industrijali u Kompetittività Industrijali – se jkun iċ-ċentru tal-gravità għal dan l-ippjanar.

Il-prijoritajiet ta' Orizzont Ewropa se jkunu allinjati mill-qrib ħafna mal-prijoritajiet strateġiċi ġenerali tal-Unjoni u l-politiki tagħha. L-ippjanar strateġiku se jkun ibbażat fuq attivitajiet ta' tbassir, studji u evidenza xjentifika oħra u se jqis l-inizjattivi rilevanti eżistenti fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali. Se jinkorpora perspettivi interdixxiplinari u trasversali u jiżgura li l-attivitajiet kollha skont Orizzont Ewropa huma koordinati b'mod effettiv.

Se jkun allinjat mill-qrib ħafna wkoll ma' programmi oħrajn tal-Unjoni, mhux l-inqas biex jippromwovi disseminazzjoni iktar malajr u t-tnedija tar-riżultati mill-investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni.

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 tistabbilixxi għan iktar ambizzjuż għall-integrazzjoni tat-tibdil fil-klima fil-programmi kollha tal-UE, b'mira kumplessiva ta' 25% tan-nefqa tal-UE li tikkontribwixxi għall-għanijiet klimatiċi. Il-kontribuzzjoni ta' dan il-programm għall-kisba ta' din il-mira kumplessiva se tiġi ntraċċata permezz ta' sistema ta' mmarkar klimatiku tal-UE fil-livell xieraq ta' diżaggregazzjoni, inkluż l-użu ta' metodoloġiji iktar preċiżi meta dawn ikunu disponibbli. Il-Kummissjoni se tkompli tippreżenta l-informazzjoni kull sena f'termini ta' approprjazzjonijiet ta' impenn fil-kuntest tal-abbozz tal-baġit annwali.

Sabiex tappoġġa l-utilizzazzjoni sħiħa tal-potenzjal tal-programm sabiex jikkontribwixxi għall-għanijiet klimatiċi, il-Kummissjoni se taħdem biex tidentifika azzjonijiet rilevanti matul il-proċessi ta' tħejjija, implimentazzjoni, reviżjoni u evalwazzjoni tal-programm.

Pilastri

Orizzont Ewropa se jikkonsisti minn 3 oqsma, jew "pilastri":

I. “Xjenza Miftuħa”;

II. “Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali”;

III. “Innovazzjoni Miftuħa”.

Pilastru I – “**Xjenza Miftuħa**”

Dan il-pilastru jibni fuq is-suċċess tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka, l-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie u l-komponent tal-Infrastrutturi tar-Riċerka fil-programm qafas attwali. Għar-regoli speċifiċi dwar il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka ara l-Artikoli 6 sa 8.

Pilastru II – “**Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali**”

Dan il-pilastru jinkludi ħames raggruppamenti tematiċi li jindirizzaw l-ispettru sħiħ tal-isfidi globali permezz ta’ attivitajiet kollaborattivi tar-R&I minn fuq għal isfel.

- “Saħħa”;
- “Soċjetà Inklużiva u Sigura”;
- “Diġitali u Industrija”;
- “Klima, Enerġija u Mobbiltà”;
- “Riżorsi tal-Ikel u Naturali”.

Ir-raggruppamenti – appoġġati minn oqsma ta’ intervent – jittrasversaw l-ostakli tradizzjonali bejn id-dixxiplini, is-setturi u l-oqsma ta’ politika u se jwasslu għal iktar kollaborazzjoni u impatt miżjud dwar dak li jikkonċerna l-prijoritajiet tal-Unjoni u tal-politika globali.

Il-pilastru kollu huwa ddisinjat biex ikun iktar orjentat lejn l-impatt.

Missjonijiet

Għadd żgħir ta’ **missjonijiet** b’miri speċifiċi se jiġu varati minn dan il-pilastru, li se jistabbilixxu portafoll komprensiv ta’ proġetti, iżda li se jieħdu wkoll minn attivitajiet u outputs rilevanti minn partijiet oħrajn tal-programm. Id-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-missjonijiet huma stipulati fl-Artikolu 5.

Il-missjonijiet se jiġu deċiżi u kodisinjati bħala parti mill-proċess ta’ ppjanar strateġiku ta’ Orizzont Ewropa, li se jinkludi sforz kollaborattiv mid-dipartimenti tal-Kummissjoni rilevanti, l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew u l-partijiet ikkonċernati rilevanti.

Mhux se jkun hemm baġit separat għall-missjonijiet, għaliex il-missjonijiet se jkollhom baġit assenjat permezz tal-programm ta’ ħidma. Il-missjonijiet huma normalment mistennija li jkunu trażversali fin-natura tagħhom u għalhekk jirċievu l-baġit tagħhom minn iktar minn raggruppament wieħed.

L-ewwel ftit missjonijiet se jiġu introdotti fl-ewwel eżerċizzju tal-ippjanar strateġiku. Abbażi tal-ewwel sentejn esperjenza, l-għadd u l-iskala ta’ missjonijiet jista’ jiżdied fil-programmi ta’ ħidma sussegwenti. Filwaqt li d-durata tal-appoġġ tal-Unjoni għall-missjonijiet ma tkunx mistennija li taqbeż l-10 snin u tkun soġġetta għal reviżjoni regolari (permezz taċ-ċiklu tal-programm ta’ ħidma), l-iskeda ta’ żmien għall-impatt mistenni tal-missjonijiet jista’ jinfirex lil hinn minn din l-iskeda ta’ żmien.

Għall-kodisinn tal-missjonijiet u l-ixprunar tal-implimentazzjoni tagħhom, il-Kummissjoni tista’ tistabbilixxi *bordijiet ta’ missjoni*. Dan jagħtu parir dwar missjonijiet li għandhom potenzjal ta’ impatt għoli u billi jagħmlu dan joqogħdu fuq proċess tad-disinn li jinvolvi lill-

partijiet ikkonċernati u jinkludi s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku. Il-bordijiet ta' missjoni se jkunu magħmula minn partijiet ikkonċernati, inkluż utenti aħħarin sabiex ikun żgurat l-involviment tagħhom, u d-dipartimenti tal-Kummissjoni biex ikunu żgurati r-rabtiet mal-politiki tal-Unjoni. Il-membri tal-bordijiet ta' missjonijiet normalment jinħatru mill-Kummissjoni, b'segwitu għal sejħa miftuħa għal espressjonijiet ta' interess, u b'konsiderazzjoni tal-ħtieġa ta' bilanċ fl-għarfien espert, is-sess, l-età u d-distribuzzjoni ġeografika. Madankollu, jekk xieraq, l-istrutturi ta' governanza eżistenti jistgħu jintużaw bħala bordijiet ta' missjoni.

Il-*maniġers ta' missjoni* jistgħu jinħatru mill-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-aqwa għarfien espert disponibbli jintuża għall-implimentazzjoni u jikseb l-għanijiet dikjarati.

Id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni se jippermettu "approċċ ta' portafoll", fejn il-proposti se jiġu evalwati u magħżula, u l-proġetti ġestiti fi ħdan portafoll ta' azzjonijiet, minflok individwalment.

L-evalwazzjoni tal-proposti se ssir bl-għajnuna ta' evalwaturi indipendenti li se jkunu responsabbli mill-proposta għal portafoll ta' proġetti li kollettivament jindirizzaw missjoni magħrufa.

L-evalwazzjoni applikabbli u l-kriterji tal-għażla, flimkien mal-metodu tal-evalwazzjoni għall-missjonijiet (eż. biex ikun żgurat approċċ ta' portafoll), se jkunu stipulati fil-programm ta' ħidma. L-għan se jkun il-valutazzjoni tal-eċċellenza u l-impatt fil-livell kollettiv.

Jistgħu jiġu inkorporati fl-approċċ ta' portafoll proġetti rilevanti oħrajn li jistgħu jikkontribwixxu għas-suċċess tal-missjonijiet, u jistgħu jitħallew jipparteċipaw ukoll, firxa wiesgħa ta' atturi, bħall-fondazzjonijiet.

Il-Flagships tat-Teknoloġiji Futuri u Emerġenti (FET) ta' Orizzont 2020 għandhom karatteristiċi simili għall-kunċett tal-missjoni. Għal din ir-raġuni, u sabiex ukoll jiġi simplifikat ix-xenarju finanzjarju, kwalunkwe flagship FET ippjanat f'Orizzont Ewropa se jiġi stabbilit bħala missjoni, b'konformità mal-kriterji tal-missjoni u implimentat permezz tal-użu tal-istess modalitajiet.

Pilastru III – "**Innovazzjoni Miftuħa**"

Dan il-pilastru se jiffoka essenzjalment fuq:

– l-eskalar ta' innovazzjoni rivoluzzjonarja u li toħloq suq permezz ta' **Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni** ġdid (EIC – ara l-Artikoli 9 u 10); u

– attivitajiet li jimmiraw lejn it-titjib u l-iżvilupp tax-xenarju kumplessiv Ewropew tal-innovazzjoni, inkluż appoġġ għall-**Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija** (EIT).

Sabiex timplimenta l-EIC, il-Kummissjoni se tistabbilixxi bord ta' livell għoli (il-Bord tal-EIC) li se jagħti parir, inter alia, dwar l-istrateġija kumplessiva, l-għanijiet, l-azzjonijiet, il-kriterji ta' evalwazzjoni u l-għażla tal-esperti. Il-programm ta' ħidma għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-EIC se jitħejja mill-Kummissjoni abbażi tal-parir tal-Bord tal-EIC.

Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni se jkun l-uniku kanal għall-appoġġ tal-Unjoni biex tirrivoluzzjona l-innovazzjoni tal-ħolqien tas-suq. Se jamministra l-attivitajiet rilevanti li preċedentament twettqu f'Orizzont 2020, bħall-Innovazzjoni fl-SMEs u t-Teknoloġiji Futuri u Emerġenti (FET Miftuħa u FET Proattivi), u l-Aċċess għal Finanzjament ta' Riskju (li issa huwa allinjat mar-Regolament ta' Finanzjament InvestEU).

Il-Kummissjoni tista' timpjega maniġers tal-programm, b'segwitu għal proċedura tal-għażla miftuħa u trasparenti, għall-implimentazzjoni tal-EIC.

L-EIC se jipprovdi appoġġ dirett imfassal apposta lill-innovaturi permezz ta' żewġ strumenti ta' finanzjament – il-Pathfinder u l-Aċċelleratur – li t-tnejn se jiffokaw fuq approċċ primarjament minn isfel għal fuq u ta' riskju għoli għall-innovazzjoni rivoluzzjonarja; dwar il-ħtiġijiet tal-innovaturi u jiġu ġestiti b'mod proattiv.

Il-*Pathfinder għar-Riċerka Avvanzata* se jipprovdi għotjiet mill-istadju bikri ta' teknoloġija (inkluż prova tal-kunċett, validazzjoni tat-teknoloġija) sal-istadju bikri kummerċjali (dimostrazzjoni bikrija, żvilupp tal-każ kummerċjali u żvilupp tal-istrateġija).

L-*Aċċelleratur* se jappoġġa l-iżvilupp ulterjuri u l-varar tas-suq ta' innovazzjonijiet rivoluzzjonarji u ta' ħolqien tas-suq, sa stadju fejn ikunu jistgħu jiġu ffinanzjati skont termini kummerċjali normali mill-investituri (eż. mid-dimostrazzjoni, l-ittestjar tal-utenti, il-produzzjoni prekummerċjali, inkluż l-espansjoni). Se jipprovdi finanzjament imħallat tal-EIC (jiġifieri għotjiet li jikkombinaw ekwità diretta u aċċess għall-garanziji ta' finanzjament).

L-Aċċelleratur se jpoġġi enfasi partikolari fuq l-innovazzjoni ġġenerata fil-Pathfinder, għalkemm se jiffinanzja wkoll proġetti minn partijiet oħrajn ta' Orizzont Ewropa bħall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka jew il-*Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni* tal-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija.

Karatteristika oħra tal-pilastru Innovazzjoni Miftuħa se tkun żieda fil-kooperazzjoni mal-ekosistemi tal-innovazzjoni mmirati lejn it-titjib fl-ambjent fejn l-innovazzjoni tista' tiffjorixxi, b'mod partikolari iżda mhux b'mod esklussiv permezz tal-EIT, li se jippromwovi ekosistemi tal-innovazzjoni sostenibbli u jiżviluppa ħiliet imprenditorjali u tal-innovazzjoni f'oqsma ta' prijorità permezz tal-Komunitajiet ta' Konoxxenza u Innovazzjoni tiegħu.

Parti "**Tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka**"

Il-komponenti ewlenin ta' din il-parti partikolari huma: "kondiviżjoni tal-eċċellenza"; u "riforma u titjib tas-sistema tar-R&I Ewropea", li jkopru l-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politiki tal-ġenerazzjoni li jmiss.

Din il-parti se tinkludi wkoll attivitajiet dwar: attivitajiet ta' tbassir; monitoraġġ u evalwazzjoni tal-Programm Qafas u disseminazzjoni u sfruttament tar-riżultati; modernizzazzjoni tal-universitajiet Ewropej; appoġġ lill-kooperazzjoni internazzjonali mtejba; u xjenza, soċjetà u ċittadini.

Implementazzjoni

Il-Kummissjoni, permezz tal-implimentazzjoni ta' Orizzont Ewropa, se tkun assistita minn **Kumitat** (ara l-Artikolu 12) fi ħdan it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Dan ikun qed jiltaqa' f'konfigurazzjonijiet differenti (ara l-Anness II ta' din id-Deċiżjoni), skont in-natura tas-suġġett li jkun qed jiġi diskuss.

Attivitajiet tal-Programm

Ara l-Anness I ta' din il-proposta għal iktar dettall fl-oqsma ffinanzjati skont kull wieħed mill-pilastri u l-attivitajiet tal-programm. Dan jinkludi arranġamenti ta' implimentazzjoni u prinċipji ġenerali, b'fokus speċifiku fuq l-ippjanar strateġiku, id-disseminazzjoni u l-komunikazzjoni, l-isfruttament u l-użu fis-suq, l-appoġġ għat-tfassil ta' politika u l-kooperazzjoni internazzjonali.

2018/0225 (COD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 173(3) u 182(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Filwaqt li jaġixxu b'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja

Billi:

(1) B'konformità mal-Artikolu 182(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Programm Qafas - Orizzont Ewropa għar-Riċerka u l-Innovazzjoni ("Orizzont Ewropa"), stabbilit permezz tar-Regolament *PQ/RgħP* (UE) Nru ... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ...[3], irid jiġi implimentat permezz ta' programmi speċifiċi, li jiddefinixxu r-regoli speċifiċi għall-implimentazzjoni tagħhom, jiffissa d-durata tagħhom u jipprovdi għall-mezzi meqjusa neċessarji.

(2) Ir-Regolament *PQ/RgħP* (UE) Nru ... jiffissa l-għanijiet ġenerali u speċifiċi ta' Orizzont Ewropa, l-istruttura u l-attivitajiet tal-linji mifruxa li għandhom jitwettqu, filwaqt li dan il-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (il-"Programm Speċifiku") jenħtieġ li jiddefinixxi l-għanijiet operattivi u l-attivitajiet li huma speċifiċi għal partijiet ta' Orizzont Ewropa. Il-dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni stabbiliti fir-*Regolament PQ/RgħP* (UE) Nru ... japplikaw kompletament għall-Programm Speċifiku, inkluż dawk marbutin mal-prinċipji tal-etika.

(3) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tadotta l-programmi ta' ħidma għall-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu

[1] ĠU C , , p. .
[2] ĠU C , , p. .
[3] ĠU C , , p. .

eżerċitati b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4].

(4) Il-Bord tal-Gvernaturi taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC), stabbilit permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/282/Euratom[5] ġie kkonsultat dwar il-kontenut xjentifiku u teknoloġiku tal-Programm Speċifiku dwar l-azzjonijiet diretti mhux nukleari tal-JRC;

(5) Billi jirrifletti l-importanza li jindirizza t-tibdil fil-klima b'konformità mal-impenji tal-Unjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm Speċifiku se jikkontribwixxi għall-integrazzjoni tal-azzjonijiet klimatiċi u għall-kisba ta' mira kumplessiva ta' 25% tan-nefqa tal-baġit tal-UE li tappoġġa l-għanijiet klimatiċi. L-azzjonijiet skont dan il-Programm Speċifiku huma mistennija li jikkontribwixxu għal 35 % tal-pakkett finanzjarju globali tal-Programm Speċifiku għall-għanijiet klimatiċi. Se jiġu identifikati azzjonijiet rilevanti matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku, u jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet rilevanti u l-proċessi ta' reviżjoni.

(6) L-azzjonijiet tal-Programm Speċifiku jenħtieġ li jintużaw biex jindirizzaw nuqqasijiet tas-suq jew sitwazzjonijiet tal-investiment subottimali, f'mod proporzjonat, mingħajr duplikazzjoni jew esklużjoni ta' finanzjament privat u li jkollhom valur miżjud Ewropew ċar.

(7) Billi jirriflettu l-kontribuzzjoni importanti li r-riċerka u l-innovazzjoni jenħtieġ li jagħmlu biex jindirizzaw l-isfidi fl-ikel, l-agrikoltura, l-iżvilupp rurali u l-bijoekonomija, u biex jisfruttaw l-opportunitajiet korrispondenti tar-riċerka u l-innovazzjoni b'sinerġija mill-qirb mal-Politika Agrikola Komuni, l-azzjonijiet rilevanti skont il-Programm Speċifiku se jiġu appoġġati minn EUR 10 biljun għar-raggruppament "Ikel u Riżorsi Naturali" għall-perjodu 2021-2027.

(8) It-tlestija tas-Suq Uniku Diġitali u l-opportunitajiet li qed jikbru mill-konverġenza tat-teknoloġiji diġitali u fiżiċi tirrikjedi żieda fl-investimenti. Orizzont Ewropa se jikkontribwixxi għal dawn l-isforzi b'żieda sostanzjali ta' nfiq fl-attivitajiet diġitali ewlenin tar-riċerka u l-innovazzjoni meta mqabbla mal-Programm Qafas Orizzont 2020 għar-Riċerka u l-Innovazzjoni[6]. Dan jenħtieġ li jiżgura li l-Ewropa tibqa' fuq quddiem nett tar-riċerka u l-innovazzjoni globali fil-qasam diġitali.

(9) It-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni skont din id-Deċiżjoni se jintgħażlu abbażi tal-abbiltà tagħhom li jiksbu l-għanijiet speċifiċi tal-azzjonijiet u li jagħtu riżultati, b'konsiderazzjoni, b'mod partikolari, tal-kostijiet ta' kontroll, il-piż amministrattiv, u r-riskju mistenni tan-nuqqas ta' konformità. Għall-għotjiet, dan għandu jinkludi konsiderazzjoni tal-użu tas-somom f'daqqa, ir-rati fissi u l-iskali tal-kostijiet ta' unità.

---

4 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13)

5 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/282/Euratom tal-10 ta' April 1996 dwar l-organizzazzjoni mill-ġdid taċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunt (ĠU L 107, 30.4.1996, p. 12).

6 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Qafas Finanzjarju Pluriennali ġdid u modern għal Unjoni Ewropa li tagħti riżultati fuq il-prijoritajiet tagħha b'mod effiċjenti wara l-2020" tidentifika EUR 13-il biljun minfuqa fuq attivitajiet diġitali prinċipali skont il-Programm Qafas Orizzont 2020 għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A52018DC0098).

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (il-"Programm Speċifiku"), kif hemm stabbilit fl-Artikolu 1(3)(a) tar-*Regolament PQ/RgħP*.

Tistipula l-għanijiet operazzjonali tal-Programm Speċifiku, il-baġit għall-perjodu 2021 – 2027, ir-regoli għall-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku u l-attivitajiet li jridu jitwettqu skont il-Programm Speċifiku.

Artikolu 2

Għanijiet operattivi

1. Il-Programm Speċifiku għandu jikkontribwixxi għall-għanijiet ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament ... *Regolament PQ/RgħP*.

2. Il-Programm Speċifiku għandu l-għanijiet operattivi li ġejjin:

   (a) rinforz u tifrix tal-eċċellenza;

   (b) żieda fil-kollaborazzjoni fost is-setturi u d-dixxiplini;

   (c) konnessjoni u żvilupp tal-infrastrutturi tar-riċerka madwar iż-żona tar-riċerka Ewropea;

   (d) tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali;

   (e) attrazzjoni, taħriġ u żamma tar-riċerkaturi u l-innovaturi fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka, inkluż permezz tal-mobbiltà tar-riċerkaturi;

   (f) trawwim tax-xjenza miftuħa u żgurar tal-viżibbiltà għall-pubbliku u l-aċċess miftuħ għar-riżultati;

   (g) disseminazzjoni u sfruttament attivi tar-riżultati, b'mod partikolari għall-iżvilupp ta' politika;

   (h) appoġġ għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni;

   (i) rinforz tar-rabta bejn ir-riċerka u l-innovazzjoni u politiki oħrajn, inkluż l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli;

   (j) kisba tar-riżultati, permezz tal-missjonijiet tar-R&I, għall-miri ambizzjużi ffissati fi skeda ta' żmien fissa;

   (k) involviment taċ-ċittadini u tal-utenti aħħarin fil-proċessi tal-kodisinn u tal-koħolqien;

   (l) titjib tal-komunikazzjoni tax-xjenza;

   (m) aċċellerazzjoni tat-trasformazzjoni industrijali;

   (n) titjib tal-ħiliet għall-innovazzjoni;

   (o) stimulu tal-ħolqien u tal-espansjoni ta' kumpaniji innovattivi, b'mod partikolari SME;

(p) titjib tal-aċċess għall-finanzjament ta' riskju, b'mod partikolari fejn is-suq ma jipprovdix finanzjament vijabbli.

3. Fi ħdan l-għanijiet imsemmija fil-paragrafu 2, jistgħu jiġu kkunsidrati ħtiġijiet ġodda u mhux previsti li jirriżultaw matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku. Dan jista', jekk debitament ġustifikat, jinkludi tweġibiet għal opportunitajiet, kriżijiet u theddid emerġenti, kif ukoll tweġibiet għal ħtiġijiet marbuta mal-iżvilupp ta' politiki ġodda tal-Unjoni.

Artikolu 3

Struttura

1. B'konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament ... *Regolament PQ/RgħP*, il-Programm Speċifiku għandu jikkonsisti mill-partijiet li ġejjin:

(1) Pilastru I "Xjenza Miftuħa" bil-komponenti li ġejjin:

(a) il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC), kif deskritt fl-Anness I, il-Pilastru I, it-taqsima 1;

(b) l-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA), kif deskritt fl-Anness I, il-Pilastru I, it-taqsima 2;

(c) infrastruttura tar-riċerka, kif deskritt fl-Anness I, il-Pilastru I, it-taqsima 3;

(2) Pilastru II "Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali" bil-komponenti li ġejjin:

(a) raggruppament "Saħħa", kif deskritt fl-Anness I, il-Pilastru II, it-taqsima 1;

(b) raggruppament "Soċjetà Inklużiva u Sigura", kif deskritt fl-Anness I, il-Pilastru II, it-taqsima 2;

(c) raggruppament "Diġitali u Industrija", kif deskritt fl-Anness I, il-Pilastru II, it-taqsima 3;

(d) raggruppament "Klima, Enerġija u Mobbiltà", kif deskritt fl-Anness I, il-Pilastru II, it-taqsima 4;

(e) raggruppament "Ikel u Riżorsi Naturali", kif deskritt fl-Anness I, il-Pilastru II, it-taqsima 5;

(f) azzjonijiet diretti mhux nukleari taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC), kif deskritt l-Anness I, il-Pilastru II, it-taqsima 6;

(3) Pilastru III "Innovazzjoni Miftuħa" bil-komponenti li ġejjin:

(a) il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC), kif deskritt fl-Anness I, il-Pilastru III, it-taqsima 1;

(b) ekosistemi Ewropej tal-innovazzjoni, kif deskritt fl-Anness I, il-Pilastru III, it-taqsima 2;

(c) l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT), kif deskritt fl-Anness I, il-Pilastru III, it-taqsima 3.

(4) Parti "Tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka" bil-komponenti li ġejjin:

(a) kondiviżjoni tal-eċċellenza, kif deskritt fl-Anness I, Parti "Tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka", it-taqsima 1;

(b) riforma u titjib tas-sistema Ewropea tar-R&I, kif deskritt fl-Anness I, Parti "Tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka", it-taqsima 2.

2. L-attivitajiet li jridu jitwettqu skont il-partijiet msemmija fil-paragrafu 1 huma stabbiliti fl-Anness I.

Artikolu 4

Baġit

1. B'konformità mal-Artikolu 9(1) tar-Regolament ... *Regolament PQ/RgħP*, il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm Speċifiku għall-perjodu 2021-2027 għandu jkun ta' EUR 94 100 000 000 fil-prezzijiet attwali.

2. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jkun distribwit fost il-komponenti stabbiliti fl-Artikolu 3(1) ta' din id-Deċiżjoni b'konformità mal-Artikolu 9(2) tar-Regolament ... *Regolament PQ/RgħP*. Għandhom japplikaw l-arranġamenti tal-Artikolu 9(3) sa (8) tar-Regolament ... *Regolament PQ/RgħP*.

KAPITOLU II

IMPLIMENTAZZJONI U PROGRAMMAR

Artikolu 5

Missjonijiet

1. Għal kull missjoni, jista' jiġi stabbilit bord ta' missjoni. Għandu jkun magħmul minn madwar 15-il individwu ta' livell għoli inkluż rappreżentati tal-utenti aħħarin rilevanti. Il-bord ta' missjoni għandu jagħti pariri dwar li ġej:

   (a) il-kontenut tal-programmi ta' ħidma u tar-reviżjoni tagħhom kif meħtieġ għall-kisba tal-għanijiet tal-missjoni, fil-kodisinn mal-partijiet ikkonċernati u l-pubbliku fejn rilevanti;

   (b) azzjonijiet ta' aġġustament, jew terminazzjoni jekk xieraq, ibbażati fuq il-valutazzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-missjoni;

   (c) għażla tal-evalwaturi esperti, l-għoti ta' informazzjoni lill-evalwaturi esperti u l-kriterji ta' evalwazzjoni u l-piż tagħhom;

   (d) il-kundizzjonijiet qafas li jgħinu fil-kisba tal-għanijiet tal-missjoni;

   (e) komunikazzjoni.

2. Fil-programm ta' ħidma jistgħu jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi li jippermettu approċċ ta' portafoll effiċjenti u flessibbli previst fl-Artikolu 11.

Artikolu 6

Kunsill Ewropew tar-Riċerka

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Kunsill Ewropew tar-Riċerka ("ERC"), għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet skont il-Pilastru I "Xjenza Miftuħa" li jirrelataw mal-ERC. L-ERC għandu jkun is-suċċessur tal-ERC stabbilit permezz tad-Deċiżjoni C(2013) 1895[7].

2. L-ERC għandu jkun magħmul minn Kunsill Xjentifiku indipendenti previst fl-Artikolu 7 u l-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata prevista fl-Artikolu 8.

3. L-ERC għandu jkollu President li għandu jintgħażel minn fost xjenzati anzjani u rispettati fuq livell internazzjonali.

   Il-President għandu jinħatar mill-Kummissjoni wara proċess trasparenti ta' reklutaġġ li jinvolvi kumitat indipendenti u dedikat tat-tiftix, għal mandat limitat għal erba' snin, u li jkun jista' jiġġedded darba. Il-proċess ta' reklutaġġ u l-kandidat magħżul għandu jkollu l-approvazzjoni tal-Kunsill Xjentifiku.

   Il-President għandu jippresjedi l-Kunsill Xjentifiku u għandu jiżgura t-tmexxija tiegħu u l-kollegament mal-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata, u jirrappreżentah lid-dinja tax-xjenza.

4. L-ERC għandu jopera f'konformità mal-prinċipji tal-eċċellenza xjentifika, l-awtonomija, l-effiċjenza, l-effettività, it-trasparenza u r-responsabbiltà. Għandu jiżgura l-kontinwità mal-azzjonijiet ERC mwettqa skont id-Deċiżjoni .../KE.

5. L-attivitajiet tal-ERC għandhom jappoġġaw ir-riċerka mwettqa fl-oqsma kollha minn individwi u timijiet transnazzjonali f'kompetizzjoni fil-livell Ewropew.

6. Il-Kummissjoni għandha taġixxi ta' garanti tal-awtonomija u l-integrità tal-ERC u għandha tiżgura l-eżekuzzjoni kif suppost tal-kompiti fdati lilu.

   Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ERC b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu kif ukoll mal-istrateġija kumplessiva għall-ERC, imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 7(2), stabbilit permezz tal-Kunsill Xjentifiku.

Artikolu 7

Kunsill Xjentifiku tal-ERC

1. Il-Kunsill Xjentifiku għandu jkun magħmul minn xjenzati, inġiniera u akkademiċi tal-aqwa reputazzjoni u l-għarfien espert adattat, kemm nisa kif ukoll irġiel fi gruppi tal-età differenti, biex jiżguraw id-diversità tal-oqsma tar-riċerka u filwaqt li jaġixxu fil-kapaċità personali tagħhom, indipendentament minn interessi estranji.

   Il-membri tal-Kunsill Xjentifiku għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, b'segwitu għal proċedura indipendenti u trasparenti għall-identifikazzjoni tagħhom maqbula mal-Kunsill Xjentifiku, inkluż konsultazzjoni tal-komunità xjentifika u rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

   Il-mandat tagħhom għandu jkun limitat għal erba' snin, li jista' jiġġedded darba, abbażi ta' sistema ta' rotazzjoni li għandha tiżgura l-kontinwità tal-ħidma tal-Kunsill Xjentifiku.

2. Il-Kunsill Xjentifiku għandu jistabbilixxi:

   (a) l-istrateġija kumplessiva għall-ERC;

[7] ĠU C 373, 20.12.2013, p. 23

(b) il-programm ta' ħidma għall-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-ERC;

(c) il-metodi u l-proċeduri għar-reviżjoni bejn il-pari u l-evalwazzjoni tal-proposta li abbażi tagħhom jiġi determinat liema proposti għandhom jiġu ffinanzjati;

(d) il-pożizzjoni tiegħu dwar kwalunkwe kwistjoni li minn perspettiva xjentifika tista' ttejjeb il-kisbiet u l-impatt tal-ERC u l-kwalità tar-riċerka mwettqa;

(e) kodiċi ta' kondotta li jindirizza, inter alia, l-evitar ta' kunflitt ta' interessi.

Il-Kummissjoni għandha titbiegħed mill-pożizzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill Xjentifiku b'konformità mal-punti (a), (c), (d), u (e) tal-ewwel subparagrafu biss meta tikkunsidra li l-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni ma jkunux ġew rispettati. F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tadotta miżuri biex iżżomm il-kontinwità fl-implimentazzjoni tal-programm xjentifiku u l-kisbiet tal-għanijiet tiegħu, li jistabbilixxu l-punti tat-tbegħid mill-pożizzjonijiet tal-Kunsill Xjentifiku u debitament timmotivahom.

3. Il-Kunsill Xjentifiku għandu jaġixxi b'konformità mal-mandat stabbilit fil-Pilastru I tal-Anness I it-taqsima 1.

4. Il-Kunsill Xjentifiku għandu jaġixxi esklussivament fl-interess tal-kisba tal-ERC, b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 6. Għandu jaġixxi b'integrità u onestà u jwettaq ħidmietu b'mod effiċjenti u bl-ikbar trasparenza possibbli.

Artikolu 8

Struttura ta' implimentazzjoni tal-ERC dedikata

1. L-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata għandha tkun responsabbli mill-implimentazzjoni amministrattiva u l-eżekuzzjoni tal-programm, kif deskritt fil-Pilastru I tal-Anness I, it-taqsima 1. Għandha tappoġġa lill-Kunsill Xjentifiku fit-twettiq tal-kompiti kollha tiegħu.

2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-istruttura ta' implimentazzjoni dedikata ssegwi strettament, b'mod effiċjenti u permezz tal-flessibbiltà neċessarja l-għanijiet u r-rekwiżiti tal-ERC waħdu.

Artikolu 9

Il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC) għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet taħt il-Pilastru III "Innovazzjoni Miftuħa" li jirrelataw mal-EIC. L-EIC għandu jopera b'konformità mal-prinċipji li ġejjin: jiffoka fuq l-innovazzjoni rivoluzzjonarja u radikali, l-awtonomija, l-abbiltà li jieħu riskju, l-effiċjenza, l-effettività, it-trasparenza u r-responsabbiltà.

2. L-EIC għandu jinkludi l-Bord ta' Livell Għoli ("Bord tal-EIC") previst fl-Artikolu 10. .

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-implimentazzjoni tal-EIC hija:

(a) b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, b'konsiderazzjoni tal-opinjoni tal-Bord tal-EIC dwar l-istrateġija kumplessiva għall-EIC, imsemmija fl-Artikolu 10(1)(a); u

(b) ma twassalx għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni kuntrarji għall-interess komuni.

4. Għal fini ta' ġestjoni tal-finanzjament imħallat tal-EIC, il-Kummissjoni għandha tagħmel użu ta' ġestjoni indiretta, jew fejn dan ma jkunx possibbli, tista' tistabbilixxi, veikolu bi skop speċjali. Il-Kummissjoni għandha tfittex li tiżgura l-parteċipazzjoni ta' investituri pubbliċi u

privati oħrajn. Fejn dan ma jkunx possibbli fl-istabbiliment tal-bidu, il-veikolu bi skop speċjali se jkun strutturat b'tali mod li jista' jattira investituri pubbliċi jew privati oħrajn sabiex iżid l-effett ta' ingranaġġ tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni.

Artikolu 10

Il-Bord tal-EIC

1. Il-Bord tal-EIC għandu jagħti parir lill-Kummissjoni dwar:

   (a) l-istrateġija kumplessiva għall-komponent tal-EIC skont il-Pilastru III "Innovazzjoni Miftuħa";

   (b) il-programm ta' ħidma għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet EIC;

   (c) il-kriterji għall-valutazzjoni tal-innovattività u tal-profil ta' riskju tal-proposti u l-bilanċ xieraq tal-għotjiet, tal-ekwità u forom oħrajn ta' finanzjament għall-aċċelleratur tal-EIC;

   (d) l-identifikazzjoni tal-portafoll strateġiku tal-proġetti;

   (e) il-profil tal-maniġers tal-programm.

2. Il-Bord tal-EIC jista' fuq talba jindirizza r-rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar:

   (a) kwalunkwe kwistjoni li minn perspettiva tal-innovazzjoni tista' ttejjeb u trawwem ekosistemi tal-innovazzjoni madwar l-Ewropa, il-kisbiet u l-impatt tal-għanijiet tal-komponent EIC u l-kapaċità ta' kumpaniji innovattivi biex joħorġu bis-soluzzjonijiet tagħhom;

   (b) b'kooperazzjoni mas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni jidentifika ostakli regolatorji possibbli li jaffaċċaw l-imprendituri, b'mod partikolari dawk li jingħataw appoġġ skont il-komponent EIC;

   (c) xejriet emerġenti tat-teknoloġija mill-portafoll tal-EIC, biex jikkontribwixxu l-informazzjoni għall-ipprogrammar f'partijiet oħrajn tal-Programm Speċifiku;

   (d) identifikazzjoni ta' kwistjonijiet speċifiċi fejn huwa meħtieġ il-parir tal-Bord tal-EIC.

   Il-Bord tal-EIC għandu jaġixxi fl-interess tal-kisba tal-għanijiet tal-komponent EIC. Għandu jaġixxi b'integrità u onestà u jwettaq ħidmietu b'mod effiċjenti u bit-trasparenza.

   Il-Bord tal-EIC għandu jaġixxi b'konformità mal-mandat tiegħu stabbilit fil-Pilastru III tal-Anness I, it-taqsima 1.

3. Il-Bord tal-EIC għandu jkun magħmul minn 15 sa 20 individwu ta' livell għoli magħżula minn partijiet diversi tal-ekosistema tal-innovazzjoni tal-Ewropa, inkluż imprendituri, mexxejja korporattivi, investituri u riċerkaturi. Għandu jikkontribwixxi għal azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni, fejn il-membri tal-Bord tal-EIC jistinkaw biex itejbu l-prestiġju tal-isem EIC.

   Il-membri tal-Bord tal-EIC għandhom jinħatru mill-Kummissjoni, b'segwitu għal sejħa miftuħa għal nominazzjonijiet jew espressjonijiet ta' interess jew it-tnejn, skont liema l-Kummissjoni tqis l-iktar adattati, u b'konsiderazzjoni tal-ħtieġa ta' bilanċ fl-għarfien espert, is-sess, l-età u d-distribuzzjoni ġeografika.

   Il-mandat tagħhom għandu jkun limitat għal sentejn, li jista' jiġġedded darbtejn, b'sistema ta' ħatriet suċċessivi (il-membri jinħatru kull sentejn).

4. Il-Bord tal-EIC għandu jkollu President li għandu jinħatar mill-Kummissjoni b'segwitu għal proċess trasparenti ta' reklutaġġ. Il-President għandu jkun persuna pubblika ta' profil għoli marbuta mad-dinja tal-innovazzjoni.

Il-President għandu jinħatar għal mandat limitat għal erba' snin, li jista' jiġġedded darba.

Il-President għandu jippresjedi l-Bord tal-EIC, jipprepara l-laqgħat tiegħu, jassenja l-kompiti lill-membri, u jista' jistabbilixxi sottogruppi dedikati, b'mod partikolari biex jidentifikaw xejriet emerġenti tat-teknoloġija mill-portafoll tal-EIC. Huwa jew hija għandhom jippromwovu l-EIC, jaġixxu ta' interlokutur mal-Kummissjoni u jirrappreżentaw l-EIC fid-dinja tal-innovazzjoni. Il-Kummissjoni tista' tipprevedi għal appoġġ amministrattiv għall-President biex jaqdi/taqdi dmirijietu/ha.

5. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi kodiċi ta' kondotta li jindirizza, inter alia, l-evitar tal-kunflitti ta' interess. Il-membri tal-Bord tal-EIC huma mistennija jaċċettaw il-kodiċi ta' kondotta mal-ħatra.

Artikolu 11

Programmi ta' ħidma

1. Il-Programm għandu jiġi implimentat permezz tal-programmi ta' ħidma msemmija fl-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju. Għandhom jitħejjew b'segwitu għal proċess tal-ippjanar strateġiku kif deskritt fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu, fejn applikabbli, l-ammont globali riżervat għall-operazzjonijiet ta' taħlit.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta programmi ta' ħidma separati, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet skont il-komponenti li ġejjin, kif hemm stabbilit fl-Artikolu 3(1) ta' din id-Deċiżjoni:

(a) l-ERC, fejn il-programm ta' ħidma għandu jiġi stabbilit permezz tal-Kunsill Xjentifiku skont il-punt (b) tal-Artikolu 7(2), b'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 12(3). Il-Kummissjoni għandha titbiegħed mill-programm ta' ħidma stabbilit permezz tal-Kunsill Xjentifiku biss meta tikkunsidra li mhux b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni. F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tadotta programm ta' ħidma permezz ta' att ta' implimentazzjoni b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 12(4). Il-Kummissjoni għandha debitament timmotiva din il-miżura;

(b) ir-raggruppamenti kollha skont il-Pilastru "Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali", l-MSCA, l-Infrastrutturi tar-Riċerka, l-appoġġ għal ekosistemi tal-innovazzjoni, il-kondiviżjoni tal-eċċellenza u r-riforma u t-titjib tas-Sistema Ewropea tar-R&I, b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 12(4);

(c) l-EIC, fejn il-programm ta' ħidma għandu jitħejja b'segwitu għall-parir tal-Bord tal-EIC skont il-punt (b) tal-Artikolu 10(1), b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 12(4);

(d) il-JRC, fejn il-programm ta' ħidma pluriennali għandu jikkunsidra l-opinjoni mogħtija mill-Bord tal-Gvernaturi tal-JRC imsemmija fid-Deċiżjoni 96/282/Euratom.

3. Flimkien mar-rekwiżit fl-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju, il-programmi ta' ħidma msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom, kif xieraq, ikun fihom:

(a) indikazzjoni tal-ammont allokat għal kull azzjoni u missjoni u skeda taż-żmien indikattiva tal-implimentazzjoni;

(b) għall-għotjiet il-prijoritajiet, l-għażla u l-kriterji tal-għotja u l-piż relattiv tal-kriterji tal-għotja differenti u r-rata massima ta' finanzjament tat-total l-kostijiet eliġibbli;

(c) l-ammont allokat għall-finanzjament imħallat b'konformità mal-Artikoli 41 sa 43 tar-Regolament ... *Regolament PQ/RgħP*;

(d) kwalunkwe obbligu addizzjonali għall-benefiċjarji, b'konformità mal-Artikoli 35 u 37 tar-*Regolament PQ/RgħP*.

Artikolu 12

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat[8]. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fi ħdan it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Il-kumitat għandu jiltaqa' f'konfigurazzjonijiet differenti kif stabbilit fl-Anness II, b'konsiderazzjoni tan-natura tas-suġġett li se jiġi diskuss.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

5. Fejn l-opinjoni tal-kumitat trid tinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tiġi terminata mingħajr riżultat meta, fil-limitu taż-żmien tat-twassil tal-opinjoni, il-president tal-kumitat hekk jiddeċiedi jew maġġoranza sempliċi tal-membri tal-kumitat hekk titlob.

6. Il-Kummissjoni għandha tinforma b'mod regolari lill-Kumitat dwar il-progress kumplessiv tal-implimentazzjoni tal-programm speċifiku u għandha tipprovdih b'informazzjoni fil-ħin dwar l-azzjonijiet kollha proposti jew iffinanzjati skont Orizzont Ewropa, kif speċifikat fl-Anness III.

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U FINALI

Artikolu 13

Tħassir

Id-Deċiżjoni 2013/743/UE titħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2021.

[8] Il-Kummissjoni, bil-ħsieb li tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-programm, għal kull laqgħa tal-Kumitat tal-Programm kif definit fl-Aġenda, se tirrimborża, b'konformità mal-linji gwida stabbilit tagħha, l-ispejjeż ta' rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru, kif ukoll espert/konsulent wieħed għal kull Stat Membru għal dawk il-partijiet tal-aġenda fejn Stat Membru jirrikjedi għarfien espert speċifiku.

Artikolu 14

Dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Din id-Deċiżjoni ma għandhiex taffettwa l-kontinwazzjoni jew il-modifika tal-azzjonijiet konċernati, sal-għeluq tagħhom, skont id-Deċiżjoni 2013/743/UE, li għandha tkompli tapplika għall-azzjonijiet konċernati sal-għeluq tagħhom.

   Fejn ikun hemm bżonn, kwalunkwe kompitu li jifdal tal-Kumitat stabbilit permezz tad-Deċiżjoni 2013/743/UE għandu jitwettaq mill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 12 ta' din id-Deċiżjoni.

2. Il-pakkett finanzjarju għall-Programm Speċifiku jista' jkopri wkoll spejjeż ta' assistenza teknika u amministrattiva neċessarji sabiex tkun żgurata t-tranżizzjoni bejn il-Programm Speċifiku u l-miżuri adottati skont id-Deċiżjoni 2013/743/UE predeċessura tiegħu.

Artikolu 15

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjal tal-Unjoni Ewropea*.

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

Dokument ta' ħidma għall-preparazzjoni tal-atti bażiċi ta' wara l-2020

Dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva

annessa mal-Programm Speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Qasam(oqsma) ta' politika kkonċernat(i) (*raggruppament ta' programmi*)

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

1.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5. Durata u impatt finanzjarju

1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata(i)

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) (*Raggruppament ta' programmi*)

01 – Riċerka u Innovazzjoni

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☑ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdidali ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**[9]

☐ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni jew dirottar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn/ma' azzjoni oħra jew azzjoni ġdida**

1.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.4.1. Rekwiżit(i) li jridu jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għall-prosegwiment tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

– tappoġġa l-ħolqien u d-difużjoni ta' għarfien ġdid, teknoloġiji u soluzzjonijiet għall-isfidi globali ta' kwalità għolja;

– issaħħaħ l-impatt tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-iżvilupp, l-appoġġ u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE, u l-użu ta' soluzzjonijiet innovattivi fl-industrija u fis-soċjetà biex jindirizzaw l-isfidi globali;

– trawwem il-forom kollha ta' innovazzjoni, inkluż innovazzjoni rivoluzzjonarja, u ssaħħaħ il-varar fis-suq ta' soluzzjonijiet innovattivi;

– tottimizza t-twassil tal-Programm għall-impatt.

1.4.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadann mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza tad-dritt, effettività akbar jew il-kumplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li altrimenti kien jinħoloq mill-Istati Membri weħidhom.

Ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (R&I) huma parti kruċjali tas-soċjetà bbażata fuq l-għarfien u qasam fejn dimensjoni b'saħħitha Ewropea tingrana finanzjament addizzjonali fil-livell nazzjonali, mingħajr evidenza ta' sostituzzjoni. Tipikament, il-proġetti ta' R&I magħżula għall-finanzjament tal-UE jisfruttaw livell ogħla ta' kooperazzjoni tal-UE jew internazzjonali u għandhom skala, kamp ta' applikazzjoni u livell ta' sofistikazzjoni li ma jippermettilhomx li jirnexxu bil-fondi nazzjonali biss (83 % tal-proġetti R&I tal-UE ma kinux jirnexxu mingħajr l-appoġġ tal-UE). F'dinja mimlija kompetizzjoni teknoloġika, jekk ma jsirx investiment fir-R&I fil-livell tal-

[9] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

UE dan jirriżulta fi tnaqqis tal-kompetittività globali tal-UE b'impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali prevedibbli.

Il-benefiċċji speċifiċi tal-investimenti tal-UE fil-qasam tar-R&I huma:

- spinta lill-kompetittività tal-UE permezz tal-ħolqien ta' ċerti netwerks u swieq ġodda transnazzjonali u multidixxiplinarji, b'disseminazzjoni pożittiva tal-għarfien u trasferimenti tat-teknoloġija madwar l-Unjoni biex tħejji għall-varar ta' prodotti u servizzi ġodda (it-timijiet R&I ffinanzjati mill-UE għandhom probabbiltà ta' 40 % iktar minn timijiet mingħajr finanzjament tal-UE, li jingħataw privattivi, li huma wkoll ta' kwalità u valur kummerċjali ogħla);
- ġabra tar-riżorsi u l-għarfien pubbliċi u privati għall-kisba tal-massa kritika biex jiġu indirizzati sfidi globali u biex tittieħed it-tmexxija fis-swieq tal-UE u globali (eż. azzjoni fil-livell tal-UE biss tista' tegħleb id-distribuzzjoni ċkejkna ta' pazjenti affettwati minn mard rari u n-nuqqas ta' standardizzazzjoni u data);
- tisħiħ tal-eċċellenza xjentifika permezz ta' kompetizzjoni u kooperazzjoni mifruxa madwar l-UE (il-pubblikazzjonijiet riveduti bejn il-parti li huma ffinanzjati mill-UE huma ċitati iktar minn darbtejn tal-medja dinjija);
- tisħiħ tal-appoġġ għall-ħruġ u l-espansjoni ta' innovazzjonijiet rivoluzzjonarji tal-ħolqien tas-suq (SME li huma appoġġati permezz ta' finanzjament tar-R&I tal-UE jikbru iktar malajr meta mqabbla ma' SME mhux finanzjati mill-UE);
- żieda fl-attraenza tal-UE bħala post għall-edukazzjoni, ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-kummerċ (it-timijiet iffinanzjati mill-UE jikbru iktar malajr u jattiraw darbtejn iktar kollaborazzjonijiet minn barra l-UE);
- ikun hemm effett ta' ristrutturar pożittiv fuq ekosistemi tar-R&I nazzjonali (il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka sar sinjal globali tal-eċċellenza, li jniedi bidliet nazzjonali u istituzzjonali għall-appoġġ u jattira l-benefikaturi tal-għotjiet tiegħu);
- forniment ta' bażi ta' għarfien b'saħħitha għat-tfassil tal-politika (eż. il-ħidma tal-IPCC tan-NU dwar it-tibdil fil-klima ddependa ħafna mir-riċerka ffinanzjata mill-UE).

1.4.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

Il-Programmi Qafas tal-UE ġġeneraw impatti sinifikanti u b'impatt fit-tul, kif jidher mill-evalwazzjonijiet suċċessivi minn meta l-UE bdiet tinvesti fir-R&I fl-1984. Filwaqt li l-programmi tar-riċerka u l-innovazzjoni Ewropej kellhom suċċess, hemm lezzjonijiet importanti li għandna nitgħallmu mill-passat, mill-feedback tal-partijiet ikkonċernati, u mill-istudji analitiċi. Ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni jenħtieġ li jiġu indirizzati b'mod iktar koordinat u koerenti ma' politiki oħrajn u r-riżultati tar-riċerka jiġu disseminati aħjar u valorizzati fi prodotti, proċessi u servizzi ġodda. Il-loġika tal-intervent tal-programmi ta' appoġġ tal-UE jenħtieġ li tiġi żviluppata f'mod iktar iffokat, konkret, dettaljat, inklussiv u trasparenti. L-aċċess għall-programm jenħtieġ li jittejjeb u tiżdied il-parteċipazzjoni ta' negozji li għadhom jibdew, l-SME, l-industrija, l-UE13 u minn barra l-UE. Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni jridu jissaħħu.

Il-Komunikazzjoni dwar l-evalwazzjoni interim ta' Orizzont 2020 identifikat diversi oqsma għal titjib. Is-sejbiet tal-evalwazzjoni interim ta' Orizzont 2020 kienu bbażati fuq feedback estensiv tal-partijiet ikkonċernati u r-rakkomandazzjonijiet strateġiċi tal-Grupp ta' Livell Għoli indipendenti dwar il-massimizzar tal-impatt tal-Programmi R&I tal-UE (Grupp ta' Livell Għoli Lamy).

Dawn huma sommarizzati kif ġej:

a. Tkompli s-simplifikazzjoni.

b. Appoġġ għall-innovazzjoni rivoluzzjonarja.

c. Ħolqien ta' iktar impatt permezz tal-orjentazzjoni tal-missjonijiet u tal-involviment taċ-ċittadini.

d. Żieda fis-sinerġiji ma' programmi ta' finanzjament tal-UE u Politiki tal-UE oħrajn.

e. Tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali.

f. Rinforz tal-ftuħ.

g. Razzjonalizzazzjoni tax-xenarju finanzjarju.

1.4.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti oħra xierqa

Orizzont Ewropa huwa mfassal biex jiġi implimentat filwaqt li jippermetti sinerġiji ma' programmi ta' finanzjament oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikolari permezz ta' arranġamenti għal finanzjament kumplimentari mill-programmi tal-UE fejn il-modalitajiet ta' ġestjoni jippermettu; bħala sekwenza, jew b'mod ta' sostituzzjoni, jew permezz tal-kombinazzjoni tal-fondi inkluż il-finanzjament konġunt tal-azzjonijiet.

Lista mhux eżawrjenti ta' tali arranġamenti u programmi ta' finanzjament inkluż sinerġiji mal-programmi li ġejjin:

- Politika Agrikola Komuni (PAK)
- Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)
- Fond Soċjali Ewropew (FSE)
- Programm tas-Suq Uniku
- Programm Spazjali Ewropew
- Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE)
- Programm Ewropa Diġitali (DEP)
- Programm Erasmus
- Strument Estern
- Fond InvestEU
- Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika

1.5. Durata u impatt finanzjarju

☑ **durata limitata**

– ☑ fis-seħħ minn 01/01/2021 sa 31/12/2027

– ☑ Impatt finanzjarju minn 01/01/2021 sa 31/12/2027 għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn 01/01/2021 sa 31/12/2033 għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☐ **durata illimitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[10]

☑ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☑ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☑ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☑ **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit ikunu fdati lil:

– ☐ pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☑ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐il-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☑ korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☑ korpi rregolati bil-liġi pubblika ;

– ☑ korpi mmexxija mid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sal-punt li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☑ korpi mmexxija mid-dritt privat ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' Sħubija Ewropea u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat aktar minn mod wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

L-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' Orizzont Ewropa se jkunu qed isegwu l-prinċipji ewlenin stabbiliti għal Orizzont 2020, b'parti sostanzjali tal-baġit globali ta' Orizzont Ewropa mistennija li tiġi implimentata permezz ta' modi ta' ġestjoni ddisinjati b'mod speċjali.

Huwa mistenni li l-Kummissjoni se tkompli tgħaddi ħafna mill-fondi permezz tal-Aġenziji Eżekuttivi, b'azzjonijiet addizzjonali mwassla permezz tal-korpi tal-Unjoni jew korpi oħrajn fdati bl-implimentazzjoni tal-baġit skont ġestjoni indiretta stabbilita skont l-Artikoli 185 u 187 tat-TFUE u mmirata lejn prijoritajiet speċifiċi.

[10] Dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/MT/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

It-tipi ta' korpi ta' implimentazzjoni mistennija li jiġu stabbiliti/imġedda għal Orizzont Ewropa huma:

- Aġenziji Eżekuttivi;
- Impriżi Konġunti (l-Artikolu 187 TFUE);
- Sħubiji pubbliċi-pubbliċi (l-Artikolu 185 TFUE);
- Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija

Se ssir xi razzjonalizzazzjoni fil-livell tas-sħubiji (li se jiġu ppreżentati skont it-terminu ġdid komuni "sħubiji Ewropej"), fejn il-fokus ewlieni huwa fuq is-simplifikazzjoni tal-istruttura attwali u l-għadd ta' entitajiet eżistenti u biex ix-xenarju tas-sħubiji isir iktar koerenti kemm internament (fl-FP) kif ukoll esternament (koordinazzjoni aħjar ma' programmi oħrajn tal-Unjoni u sħab esterni). Madankollu, din ir-razzjonalizzazzjoni mhux se jkollha impatt fuq il-forom legali attwalment użati.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

L-indikaturi għat-terminu taż-żmien qasir, medju u twil ġew iffissati abbażi ta' għadd ta' mogħdiji tal-impatt. Ir-regoli ta' rapportar għall-parteċipanti ġew iddisinjati b'konsiderazzjoni ta' dawn l-indikaturi, iżda wkoll b'intenzjoni konxja biex jiġi limitat il-piż amministrattiv għall-parteċipanti. Kull fejn ikun possibbli d-data se tinġabar minn sorsi miftuħa.

Id-data kollha dwar il-proċessi ta' ġestjoni (applikazzjonijiet, rati ta' suċċess, żmien għall-għotja, tip ta' benefiċjarji, eċċ.) se tinġabar u tinħażen, u ssir disponibbli fil-ħin reali permezz ta' ħażna tad-data dedikata. Illum, is-sistema ta' referenza (CORDA) taħdem sew, u hija disponibbli għall-Istati Membri u korpi oħra interessati.

Ir-rapport li se jiġi prodott jagħti informazzjoni dwar il-proċessi ta' ġestjoni (mill-ewwel sena) u, progressivament, informazzjoni dwar l-eżiti u r-riżultati. Huma ppjanati evalwazzjoni interim u oħra finali.

Addizzjonalment, l-azzjonijiet diretti tal-JRC huma vvalutati internament permezz ta' evalwazzjoni interna annwali u esternament permezz ta' reviżjoni bejn il-pari minn għadd ta' esperti ta' l-ogħla livell magħżula b'konsultazzjoni mal-Bord tal-Gvernaturi tal-JRC.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposti

Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni se jiġi implimentat permezz ta' ġestjoni diretta u indiretta. Ma hemmx bidliet fundamentali mill-Programm Qafas Orizzont 2020. Madankollu, se jiġu implimentati iktar miżuri ta' simplifikazzjoni kull meta dan ikun possibbli.

Skont Orizzont 2020, sal-aħħar ta' Frar 2018, ġew riċevuti 154 000 proposta (permezz ta' 537 000 applikazzjoni individwali), ġew iffirmati 18 000 kuntratt (b'79 000 parteċipazzjoni individwali). Minkejja ż-żieda drammatika fl-għadd ta' proposti meta mqabbla mas-Seba' Programm Kwadru, 95 % tal-kuntratti ġew iffirmati sal-limitu ta' żmien ta' 8 xhur iffissat mil-leġiżlazzjoni. Is-sistemi tal-IT u l-proċessi tal-kummerċ komuni żguraw l-effiċjenza fil-livelli kollha. Ċentru ta' Appoġġ Komuni jipprovdi servizzi kosteffettivi lis-servizzi tal-Kummissjoni kollha responsabbli għall-implimentazzjoni tal-Programmi Qafas preċedenti, fejn il-kostijiet amministrattivi ammontaw għal madwar 0.7 % tan-nefqa fl-2017. Il-Validazzjoni tal-Entitajiet Legali u l-organizzazzjoni tal-evalwazzjonijiet tal-proġett ġiet ċentralizzata fl-Aġenzija Eżekuttiva tar-Riċerka, tagħti ekonomiji ta' skala, u tiżgura l-organizzazzjoni effiċjenti tal-evalwazzjonijiet.

L-istima iktar konservattiva tal-kostijiet tas-sistema ta' kontroll (evalwazzjoni, għażla, ġestjoni tal-proġett, kontroll ex-ante u ex-post) jinsabu fil-medda ta' 3-4 % fis-servizzi tal-Kummissjoni kollha responsabbli għall-implimentazzjoni tal-Programmi Qafas preċedenti, għall-2017 (inkluż kostijiet għall-ġestjoni tas-Seba' Programm Kwadru u Orizzont 2020). Dan huwa kkunsidrat bħala kost raġonevoli fid-dawl tal-isforzi meħtieġa sabiex ikun żgurat li l-għanijiet jinkisbu u l-għadd ta' tranżazzjonijiet.

Din l-istrateġija ta' kontroll hija bbażata fuq:

- proċeduri għall-għażla tal-aħjar proġetti u li jissarrfu fi strumenti legali;

- ġestjoni tal-proġett u tal-kuntratt matul id-durata ta' kull proġett;

- kontrolli ex-ante ta' 100 % tat-talbiet;

- ċertifikati dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji ogħla minn ċertu livell limitu, u ċertifikazzjoni dwar il-metodoloġiji għall-kalkolu tal-kostijiet għal kull unità jew il-valutazzjoni ex-ante dwar Infrastruttura Kbira tar-Riċerka fuq bażi volontarja;

- awditi ex-post (rappreżentattivi u bbażati fuq ir-riskju) fuq kampjun ta' talbiet imħallsa;

- u evalwazzjoni xjentifika tar-riżultati tal-proġett.

L-ewwel indikazzjoni mill-awditi ta' Orizzont 2020 hija li r-rati ta' żball inżammew sew fil-medda mistennija (ara t-taqsima 2.2.2). Dan juri li, anke jekk jistgħu jiġu żviluppati iktar, il-miżuri ta' simplifikazzjoni li ġew introdotti diġà kienu effettivi.

Fil-ġestjoni indiretta, il-Kummissjoni se tagħmel użu mill-korpi li ġejjin biex timplimenta l-baġit fejn dan jixraq u jkun kosteffettiv u jipprovdi effett ta' ingranaġġ b'saħħtu:

- Sħubiji Ewropej Istituzzjonalizzati (l-Artikolu 185 jew l-Artikolu 187 TFUE).

Dawn il-korpi huma soġġetti għal evalwazzjonijiet regolari sabiex ikun żgurat li jibqgħu pertinenti għall-kisba tal-għanijiet tal-Programm. L-istrateġiji ta' kontroll għas-superviżjoni tal-korpi li joperaw skont ġestjoni indiretta ġew, jew se jiġu, żviluppati.

Fil-ġestjoni diretta, il-Kummissjoni se tkompli tiddependi fil-parti l-kbira fuq l-Aġenziji Eżekuttivi, stabbiliti b'konformità mar-Regolament tal-Kunsill Nru 58/2003. Id-delega tal-attivitajiet lill-Aġenziji Eżekuttivi hija soġġetta għal Analiżi tal-Kost-Benefiċċju ex-ante mandatorja u indipendenti u l-Aġenziji Eżekuttivi jesperjenzaw evalwazzjonijiet regolari mwettqa minn esperti esterni. L-Analiżi Kost-Benefiċċji msemmija hawn fuq se tikkunsidra wkoll il-kostijiet tal-kontroll u tas-superviżjoni. L-evalwazzjonijiet interim imwettqa fl-2012 u fl-2015 jikkonfermaw l-effiċjenza għolja u l-valur miżjud tal-Aġenziji Eżekuttivi fl-implimentazzjoni tal-programm.

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

Il-mudell bażiku ta' finanzjament s'issa kien ir-rimborż tal-kostijiet eliġibbli. Kif aċċennat b'mod konsistenti l-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-iktar riċenti fir-Rapport Annwali tagħha tal-2016, "ir-riskju prinċipali għar-regolarità tat-tranżazzjonijiet huwa li l-benefiċjarji jiddikjaraw kostijiet li mhumiex eliġibbli li la jiġu nnuttati u lanqas ikkoreġuti qabel [rimborż]. Dan ir-riskju huwa partikolarment għoli għas-Seba' Programm Kwadru, li għandu regoli tal-eliġibbiltà kumplessi li spiss jiġu interpretati ħażin mill-benefiċjarji (speċjalment dawk li huma inqas familjari mar-regoli, bħall-SME, il-parteċipanti tal-ewwel darba u entitajiet li mhumiex tal-UE).

Il-Qorti rrikonoxxiet il-valur tal-simplifikazzjonijiet introdotti f'Orizzont 2020. Madankollu rrakkomandat, fir-Rapport Annwali tagħha tal-2016, l-użu iktar mifrux tal-Għażliet tal-Kostijiet Issimplifikati (SCO). SCO bħal dawn diġà jintużaw f'partijiet tal-programm, jew għal tipi speċifiċi ta' nefqa.

Għall-għotjiet, ir-rata ta' żball rappreżentattiv stmata għas-Seba' Programm Kwadru kienet ta' 5%, b'rata tal-iżball "residwu" ta' madwar 3%, wara konsiderazzjoni tal-irkupri u l-korrezzjonijiet kollha li ġew jew se jiġu implimentati. Madankollu, ir-rati ta' żball kienu inqas f'dawk il-partijiet tal-programm fejn kien possibbli li jintużaw l-SCO b'mod iktar mifrux u/jew fejn grupp żgħir u stabbli ta' benefiċjarji kienu involuti. Dan kien jinkludi l-għotjiet tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka u l-Azzjonijiet Marie Curie.

L-ewwel riżultati ta' Orizzont 2020 jissuġġerixxu rata ta' żball rappreżentattiv ta' madwar 3 % b'rata ta' żball residwu ta' inqas minn 2.5 %. Madankollu, wieħed għandu jinnota li din hija stima bikrija li jenħtieġ li tintuża b'kawtela, għandha l-probabbiltà li tiżdied, forsi għal-livell ta' 3-4 % (il-livell jew l-iżball antiċipat mill-Kummissjoni għall-proposta tagħha ta' Orizzont 2020 kienet ta' 3.5 %, minkejja li dan ma kkunsidrax il-kumplessitajiet addizzjonali diversi miżjuda matul il-proċess leġiżlattiv). Ir-rata ta' żball residwu jenħtieġ li tibqa b'xi mod inqas minn 3 %, iżda għadu kmieni wisq biex wieħed jgħid jekk hijiex se tinkiseb ir-rata ta' 2 %. Il-Kummissjoni għadha tikkunsidra li r-rati ta' żball għall-għotjiet tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka u l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie se jibqgħu taħt it-2%.

Xi żbalji jirriżultaw għaliex il-benefiċjarji ma jkunux fehmu r-regoli. Dawn l-iżbalji jistgħu jiġu indirizzati permezz ta' simplifikazzjoni, minkejja li xi kumplessità dejjem se tibqa'. Żbalji oħrajn jirriżultaw għaliex il-benefiċjarji ma jkunux segwew ir-regoli. Minkejja li dan huwa f'minoranza ta' każijiet, is-simplifikazzjoni tar-regoli attwali mhux se ssolvihom.

Analiżi tar-rati ta' żball[11] li twettqet għall-awditi ta' Orizzont 2020 li saru s'issa turi li:

- Madwar 63 % tal-iżball jirrelataw ma' żbalji marbuta mal-kostijiet tal-persunal. Il-problemi regolari identifikati huma l-kalkolu żbaljat tas-sigħat produttivi; rati żbaljati jew għadd żbaljat ta' sigħat imħallsa.

- Madwar 22 % tal-iżball jirrelataw ma' kostijiet diretti oħrajn (mhux tal-persunal). L-iktar żball regolari identifikat huwa n-nuqqas ta' kejl dirett tal-kostijiet.

- Madwar 6 % tal-iżball jirrelataw ma' kostijiet ta' sottokuntrattar, 4 % ma' kostijiet tal-ivvjaġġar u 5 % ma' kategoriji oħrajn. Wieħed għandu jinnota li l-iżbalji marbuta mal-kostijiet indiretti, li jikkostitwixxu 28% tal-iżball fis-Seba' Programm Kwadru, tnaqqsu għal kważi żero grazzi għall-introduzzjoni tar-rata fissa biex tkopri l-kostijiet indiretti.

L-iżbalji identifikati matul l-awditi ta' Orizzont 2020 juru li wħud setgħu jiġu evitati permezz ta' simplifikazzjonijiet u l-evitar ta' wisq formalità fir-regoli. Diġà saru xi bidliet f'Orizzont 2020 (regoli ġodda għall-fatturat intern u r-remunerazzjoni addizzjonali pereżempju), u oħrajn se jsiru meta possibbli f'Orizzont Ewropa. Madankollu, xi bidliet issa se jkunu limitati fl-effett tagħhom fir-rata ta' żball, ġeneralment jevitaw biss żbalji żgħar.

L-użu iktar mifrux tal-SCO bħar-rati fissi u l-kostijiet ta' unità, kif ukoll is-simplifikazzjoni kontinwa tar-regoli, se jassistu fit-tnaqqis tar-rata ta' żball ta' Orizzont 2020, stmata għal 3-4 % fuq bażi rappreżentattiva f'Orizzont Ewropa. Madankollu, il-problema sottostanti tal-iżbalji f'metodu ta' finanzjament ibbażat fuq

[11] % tal-valur f'EUR vs l-aġġustamenti kollha f'kostijiet diretti favur il-Baġit tal-UE

ir-rimborż tal-kostijiet eliġibbli tibqa'. F'tali sistema r-rata ta' żball rappreżentattiv tista' titnaqqas għal 2.5-3.5 % bir-rata ta' żball residwu, wara l-korrezzjonijiet, mistennija li tkun madwar (iżda mhux neċessarjament inqas minn) 2 %.

Orizzont 2020 ra l-introduzzjoni tal-finanzjament ta' somma f'daqqa għall-iskema tal-istadju 1 tal-SME (pagament ta' EUR 50 000 mat-twassil ta' riżultat tanġibbli xjentifiku sodisfaċenti) u, permezz tal-KICs tal-EIT, għall-finanzjament tal-kostijiet istituzzjonali relatati mat-twassil tal-programmi tal-master li għandhom it-Tikketta tal-EIT. Ma hija meħtieġa l-ebda ġustifikazzjoni addizzjonali għal dawn il-pagamenti, bħal fatturi, skedi taż-żmien, provi tal-pagament, eċċ. Ma hemmx żbalji finanzjarji.

Il-finanzjament ta' somma f'daqqa kien propost għal Orizzont 2020 iżda kien ikkunsidrat bħala mhux adattat jew prematur. Madankollu, il-Kummissjoni, fil-Programm ta' Ħidma 2018, qed timplimenta skemi pilota bbażati fuq finanzjament ta' somma f'daqqa. Fl-istess ħin wettqet għadd ta' azzjonijiet ta' komunikazzjoni biex televa t-tħassib tal-partijiet ikkonċernati dwar din il-forma ta' finanzjament.

L-iskema pilota trid tiġi evalwata, speċjalment biex wieħed jara jekk tiksibx l-għanijiet kollha tal-Programm (mhux biss li tnaqqas ir-rata ta' żball). Iżda, ċarament, l-użu iktar mifrux ta' finanzjament b'rata fissa se jnaqqas ir-rata ta' żball. Madankollu, se jkun qed iċaqlaq ir-riskji għal stadji oħrajn tas-sistema ta' kontroll intern – l-evalwazzjoni se ssir iktar importanti, kif ukoll il-valutazzjoni tar-riżultat tanġibbli.

Il-proposta ta' Orizzont Ewropa tippermetti lill-Kummissjoni tuża l-mudell ta' finanzjament ta' somma f'daqqa u l-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tuża dan il-mudell ta' finanzjament b'mod iktar mifrux. Madankollu, għadu kmieni wisq biex wieħed jgħid kemm jista' jkun mifrux dan l-użu. Dan se jiddependi mir-riżultati tal-piloti li qed isiru bħalissa.

L-għadd ta' tranżazzjonijiet involuti jfisser li livell ogħla ta' kontroll sistematiku ex-ante jkun jiswa ħafna flus. L-istrateġija ta' kontroll attwali għalhekk tiddependi minn kontrolli ex-ante u kontrolli ex-post ibbażati fuq ir-riskju biex tivvaluta l-livell ta' żball u biex tinduna bi, u tirkupra, ammonti mhux eliġibbli. Minħabba l-fatt li r-rati ta' żball baqgħu fi ħdan il-medda stabbilita din l-istrateġija ta' kontroll hija kkunsidrata li hija effettiva. Hemm inkluż l-iżvilupp ulterjuri ta' xi aspetti, pereżempju l-inklużjoni ta' awditu tas-sistemi u tal-proċessi, iżda mhux qed tiġi proposta bidla radikali.

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontrolli ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq)

L-istima iktar konservattiva tal-kostijiet tas-sistema ta' kontroll (evalwazzjoni, għażla, ġestjoni tal-proġett, kontroll ex-ante u ex-post) jinsabu fil-medda ta' 3-4 % fis-servizzi tal-Kummissjoni kollha responsabbli għall-implimentazzjoni tal-Programmi Qafas preċedenti, għall-2017 (inkluż kostijiet għall-ġestjoni tas-Seba' Programm Kwadru u Orizzont 2020). Dan huwa kkunsidrat bħala kost raġonevoli fid-dawl tal-isforzi meħtieġa sabiex ikun żgurat li l-għanijiet jinkisbu u l-għadd ta' tranżazzjonijiet.

Ir-riskju ta' żball mistenni mal-pagament għall-għotjiet b'mudell ta' finanzjament ibbażat fuq ir-rimborż tal-kostijiet mhux eliġibbli huwa ta' 2.5-3.5 %. Ir-riskju ta'

żball mal-għeluq (wara l-effett tal-kontrolli u l-korrezzjonijiet) huwa madwar (iżda mhux neċessarjament inqas minn) 2 %.

Ir-riskju ta' żball mistenni għall-għotjiet b'mudell ta' finanzjament ibbażat fuq finanzjament ta' somma f'daqqa huwa qrib iż-0% (mal-pagament u mal-għeluq).

L-aspettattiva kumplessiva għar-rati ta' żball se jiddependi mill-bilanċ bejn iż-żewġ metodi ta' finanzjament (rimborż tal-kostijiet eliġibbli u somom f'daqqa). Il-Kummissjoni qed timmira li tapplika l-mudell ta' finanzjament ta' somma f'daqqa fejn xieraq. Madankollu, l-ixprunatur ewlieni biex jiġi adottat finanzjament ta' somma f'daqqa mhux se jkun it-tnaqqis tar-rata ta' żball, iżda l-kisba tal-għanijiet kollha tal-programm.

Dan ix-xenarju huwa bbażat fuq is-suppożizzjoni li l-miżuri ta' simplifikazzjoni mhumiex soġġetti għal modifiki sostanzjali fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

Nota: din it-taqsima tikkonċerna biss il-proċess ta' ġestjoni tal-għotja (fil-modi differenti ta' ġestjoni), għan-nefqa amministrattiva u operattiva implimentata permezz ta' proċessi ta' akkwist pubbliku, ir-riskju ta' żball mal-pagament u mal-għeluq jenħtieġ li jkun inqas minn 2%.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Is-servizzi responsabbli mill-implimentazzjoni tal-baġit tar-riċerka u l-innovazzjoni huma determinati li jiġġieldu kontra l-frodi fl-istadji kollha tal-proċess ta' ġestjoni tal-għotja. Żviluppaw, u qed jimplimentaw, strateġiji kontra l-frodi, inkluż użu mtejjeb tal-intelliġenza, speċjalment permezz tal-użu ta' għodod tal-IT avvanzati, u taħriġ u informazzjoni għall-persunal. Dawn l-isforzi se jkomplu. Fuq kollox il-miżuri proposti jenħtieġ li jkollhom impatt pożittiv fuq il-ġlieda kontra l-frodi, speċjalment l-enfasi ikbar fuq l-awditu bbażat fuq riskju u l-evalwazzjoni u l-kontroll xjentifiċi rinforzati.

L-Istrateġija Kontra l-Frodi tas-servizzi tal-Kummissjoni kollha responsabbli għall-implimentazzjoni tal-Programmi Qafas preċedenti, li tkopri l-għotjiet, kif ukoll l-istrateġiji kontra l-frodi relatati ma' nfiq ieħor, se jiġu aġġornati wara r-reviżjoni tal-Istrateġija Kontra l-Frodi tal-Kummissjoni fl-2018. Din se tkopri wkoll riskji relatati mal-finanzjament ta' somma f'daqqa, li għandu riskji differenti li jridu jiġu kkunsidrati.

Jenħtieġ li jiġi enfasizzat li frodi li ġie nnutat kien baxx ħafna fi proporzjon man-nefqa totali, madankollu d-Direttorati Ġenerali responsabbli mill-implimentazzjoni tal-baġit tar-riċerka jibqgħu impenjati li jiġġildulha.

Il-leġiżlazzjoni se tiżgura li l-awditi u l-verifiki fuq il-post jistgħu jitwettqu mis-servizzi tal-Kummissjoni, inkluż OLAF, permezz tal-użu tad-dispożizzjonijiet standard rakkomandati minn OLAF.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji ġodda tan-nefqa proposti

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja[12]	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Intestatura 1. Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali	Diff./Mhux diff.[13]	minn pajjiżi EFTA[14]	minn pajjiżi kandidati[15]	mingħand pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju
H1	01.010101 Nefqa relatata ma' uffiċjali u persunal temporanju li jimplimenta l-programmi tar-riċerka u l-innovazzjoni – Orizzont Ewropa 01.010102 Persunal estern li jimplimenta l-programmi tar-riċerka u l-innovazzjoni – Orizzont Ewropa 01.010103 Nefqa oħra ta' ġestjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni – Orizzont Ewropa 01.0201 Xjenza Miftuħa 01.0202 Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali 01.0203 Innovazzjoni Miftuħa 01.0204 Tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka	Mhux diff. Diff.	IVA	IVA	IVA	LE

[12] L-impatt finanzjarju stmat għan-nefqa operazzjonali huwa ppreżentat fil-livell tal-artikoli tal-baġit għall-erba' partijiet tal-programm. Jista' jkun li jiġi sottomess tqassim ulterjuri tal-baġit, ibbażat fuq l-ippjanar strateġiku, bħala parti mill-proċeduri annwali tal-baġit.

[13] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

[14] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

[15] Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	**1**	Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali

			2021	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026**	**2027**	***Wara l-2027***	**TOTAL**
Approprjazzjonijiet operattivi	Impenji	(1)	**11 825.394**	**12 064.784**	**12 307.891**	**12 556.625**	**12 812.890**	**13 070.006**	**13 336.556**		**87 974.145**
	Pagamenti	(2)	**2 787.096**	**6 858.177**	**8 316.885**	**10 284.251**	**11 653.515**	**12 675.793**	**13 334.400**	**22 064.028**	**87 974.145**
01 02 01 Xjenza Miftuħa	Impenji	(1a)	3 308.230	3 375.270	3 443.480	3 513.155	3 584.895	3 656.900	3 731.270		**24 613.200**
	Pagamenti	(2a)	779.708	1 918.658	2 326.884	2 877.379	3 260.516	3 546.602	3 730.666	6 172.787	**24 613.200**
01 02 02 Sfidi Globali u Kompetittività Industrijali	Impenji	(1b)	6 516.841	6 648.652	6 782.307	6 919.237	7 060.382	7 201.957	7 349.169		**48 478.545**
	Pagamenti	(2b)	1 535.937	3 779.399	4 583.050	5 667.062	6 421.523	6 984.734	7 347.981	12 158.860	**48 478.545**
01 02 03 Xjenza Miftuħa	Impenji	(1c)	1 731.049	1 766.131	1 801.820	1 838.279	1 875.818	1 913.494	1 952.410		**12 879.000**
	Pagamenti	(2c)	407.986	1 003.950	1 217.555	1 505.605	1 706.084	1 855.780	1 952.094	3 229.946	**12 879.000**
01 02 04 Tishih taż-Żona Ewropea tar-Riċerka	Impenji	(1d)	269.274	274.731	280.283	285.955	291.794	297.655	303.708		**2 003.400**
	Pagamenti	(2d)	63.465	156.170	189.398	234.206	265.391	288.677	303.659	502.436	**2 003.400**
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett tal-programm[16]	Impenji = Pagamenti	(3)	**823.606**	**840.216**	**857.109**	**874.375**	**892.110**	**909.994**	**928.444**		**6 125.855**
01 01 01 01 Nefqa relatata ma' uffiċjali u persunal temporanju li jimplimenta l-programmi tar-riċerka u l-innovazzjoni – Orizzont Ewropa	Impenji = Pagamenti	(3)	332.455	341.797	351.421	361.335	371.548	382.070	392.912		**2 533.539**

[16] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'sostenn għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

01 01 01 02 Persunal estern li jimplimenta l-programmi tar-riċerka u l-innovazzjoni – Orizzont Ewropa	Impenji = Pagamenti	(3)	68.862	70.239	71.643	73.076	74.538	76.029	77.549		**511.937**
01 01 01 03 Nefqa oħra ta' ġestjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni – Orizzont Ewropa	Impenji = Pagamenti	(3)	422.289	428.181	434.044	439.964	446.024	451.895	457.982		**3 080.380**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall-pakkett tal-programm	Impenji	=1+3	**12 649.000**	**12 905.000**	**13 165.000**	**13 431.000**	**13 705.000**	**13 980.000**	**14 265.000**		**94 100.000**
	Pagamenti	=2+3	**3 610.702**	**7 698.393**	**9 173.995**	**11 158.626**	**12 545.625**	**13 585.787**	**14 262.844**	**22 064.028**	**94 100.000**

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	**7**	"Nefqa amministrattiva"

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2021	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026**	**2027**	***Wara l-2027***	**TOTAL**
Riżorsi umani										
Nefqa amministrattiva oħra										
TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta' impenji = Total ta' pagamenti)									

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2021	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026**	**2027**	***Wara l-2027***	**TOTAL**
TOTAL tal-approprjazzjonijiet fl-INTESTATURI kollha tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	**12 649.000**	**12 905.000**	**13 165.000**	**13 431.000**	**13 705.000**	**13 980.000**	**14 265.000**		**94 100.000**
	Pagamenti	**3 610.702**	**7 698.393**	**9 173.995**	**11 158.626**	**12 545.625**	**13 585.787**	**14 262.844**	**22 064.028**	**94 100.000**

3.2.2. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani								
Nefqa amministrattiva oħra								
Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

Barra mill-INTESTATURA 7[17] tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani[18]	401.317	412.035	423.065	434.411	446.086	458.099	470.462	**3 045.475**
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva[19]	422.289	428.181	434.044	439.964	446.024	451.895	457.982	**3 080.380**
Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	823.606	840.216	857.109	874.375	892.110	909.994	928.444	**6 125.855**

[17] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'sostenn għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

[18] Dawn iċ-ċifri jinkludu biss il-persunal awtorizzat fis-seħħ fl-2020 fid-Direttorati Ġenerali u ma jinkludux il-persunal neċessarju li se jkun meħtieġ għall-aġenziji eżekuttivi, l-Impriżi Konġunti, u korpi deċentralizzati oħrajn, kif ukoll il-persunal addizzjonali li jitħallas mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi assoċjati fil-futur.

[19] Dawn iċ-ċifri jirrappreżentaw l-infiq amministrattiv massimu stmat meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-bażi legali. Dawn iċ-ċifri jinkludu wkoll is-sussidji meħtieġa mill-aġenziji eżekuttivi (inkluż in-nefqa tal-persunal) li se jimplimentaw parti minn Orizzont Ewropa. F'dan il-kuntest, dawn l-ammonti se jiġu aġġustati b'riżultat tal-proċedura ta' esternalizzazzjoni mbassra.

TOTAL	**823.606**	**840.216**	**857.109**	**874.375**	**892.110**	**909.994**	**928.444**	**6 125.855**

L-approprjazzjonijiet amministrattivi meħtieġa se jiġu ssodisfati mill-approprazzjonijiet li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew skjerati mill-ġdid, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limiti baġitarji eżistenti.

3.2.2.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għal full-time

Snin		**2021**	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026**	**2027**
•Karigi tal-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)[20]								
Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni								
Delegazzjonijiet								
Riċerka		2620	2620	2620	2620	2620	2620	2620
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE) - AC, AL, END, INT u JED[20 21]								
Iffinanzjati mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	- fil-Kwartieri Ġenerali							
	- fid-Delegazzjonijiet							
Iffinanzjati mill-pakkett tal-programm[22]	- fil-Kwartieri Ġenerali							
	- fid-Delegazzjonijiet							
Riċerka		1184	1184	1184	1184	1184	1184	1184
Oħrajn (speċifika)								
TOTAL		**3804**	**3804**	**3804**	**3804**	**3804**	**3804**	**3804**

Deskrizzjoni tal-kompliti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	L-għadd totali ta' uffiċjali u aġenti temporanji se jintuża biex jikkontribwixxi għall-għanijiet ta' Orizzont Ewropa matul il-proċess kollu, mill-preparazzjoni tal-Programm ta' Ħidma sad-disseminazzjoni finali tar-riżultati matul 2021-2027.
Persunal estern	L-għadd totali ta' persunal estern se jassisti lill-uffiċjali u lill-aġenti temporanji biex jikkontribwixxu għall-għanijiet ta' Orizzont Ewropa matul il-proċess kollu, mill-preparazzjoni tal-Programm ta' Ħidma sad-disseminazzjoni finali tar-riżultati matul 2021-2027.

[20] Dawn iċ-ċifri jinkludu biss il-persunal awtorizzat fis-seħħ fl-2020 fid-Direttorati Ġenerali u ma jinkludux il-persunal neċessarju li se jkun meħtieġ għall-aġenziji eżekuttivi, l-Impriżi Konġunti, u korpi deċentralizzati oħrajn, kif ukoll il-persunal addizzjonali li jitħallas mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi assoċjati fil-futur.

[21] AC = Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT= Persunal tal-aġenzija; JPD = Esperti Subordinati fid-Delegazzjonijiet.

[22] Sottolimitu massimu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limiti baġitarji.

3.2.3. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☐ ma tipprevedix il-kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☑ tipprevedi għall-kofinanzjament minn partijiet terzi stmati hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati[23]	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☑ Il-proposta/L-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

  – ☐ fuq ir-riżorsi proprji

  – ☑ fuq dħul ieħor

jekk jogħġbok indika, jekk id-dħul huwa assenjat għal-linji tan-nefqa ☑

EUR miljun (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja bagitarja tad-dħul:	Impatt tal-proposta/inizjattiva						
	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
Partita 6011 Partita 6012 Partita 6013 Partita 6031	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.	p.m.

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i bagitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

01.02XX Approprjazzjonijiet dovuti minn kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi

Rimarki oħra (eż. metodu/formula użati għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

Il-pajjiżi terzi jistgħu jikkontribwixxu għall-Programm permezz ta' ftehimiet ta' assoċjazzjoni. Il-kundizzjonijiet li jiddeterminaw il-livell tal-kontribuzzjoni finanzjarja se jiġu stabbiliti fi ftehimiet ta' assoċjazzjoni ma' kull pajjiż u għandhom jiżguraw korrezzjoni awtomatika ta' kwalunkwe żbilanċ sinifikanti meta mqabbla mal-ammont li l-entitajiet stabbiliti fil-pajjiż assoċjat jirċievu permezz tal-parteċipazzjoni fil-programm, b'konsiderazzjoni tal-kostijiet għall-ġestjoni tal-programm..

[23] Il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni Bilaterali għadhom mhumiex iffissati. Il-kontribuzzjonijiet minn pajjiżi assoċjati se jidhru fuq l-ammonti ppreżentati f'din id-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva.